MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-16 ta' Lulju, 2009

Appell Kriminali Numru. 194/2009

**Il-Pulizija**
**(Supt. N. Harrison)**
**Vs**
**Carmel sive Charles Spiteri**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer, fit-12 ta' Gunju, 2002 u matul l-ahhar granet qabel dina d-data

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-Raba' w tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza, w meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w ma kienx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta'

Malta li jkollu fil-pussess tieghu dina d-droga, w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, w dan bi ksur tar-regolament 9 tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

2. ikkommetta reat fil-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta’ Malta (Magistrat Dr. A. Lofaro) fis-6 ta’ Lulju, 2000.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Mejju, 2009, li biha, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9, ir-regolament 9 tal-GN 292/1939, it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap. 101, sabet lill-appellant hati tal-ewwel imputazzjoni w illiberatu mit-tieni imputazzjoni w ikkundannatu ghal sentejn (2) prigunerija w ghall-hlas ta’ multa ta’ €880 li tista’ tithallas b’rati ta’ €80 fix-xahar bl-ewwel pagament isehh fi zmien erba’ gimghat. Jekk ma jithallasx xi pagament, il-bilanc irid jithallas f’daqqa. Jekk xi parti minn din il-multa ma tithallasx din ghandha tinbidel f’jum prigunerija ghal kull €11.65 li ma jithallsux.

Il-Qorti m’applikatx l-artikolu 533 ghaliex din l-inkjesta saret qabel is-16 ta’ Jannar, 2006. Ma nhatar ebda espert iehor fil-mori tal-kawza.

Il-Qorti ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht is-sorveljanza tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta’ Gunju, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tvarja w tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha kwantu l-appellant ma giex misjub hati tat-tieni akkuza migjuba kontra tieghu w li minnha lliberatu w tirrevokaha kwantu l-appellant nstab hati tal-ewwel akkuza billi tiddikjarah mhux hati w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija skond il-Ligi w fil-kaz li dina l-Qorti tikkonferma l-htija tal-appellant taht l-ewwel akkuza li tvarja l-piena nflitta ghal piena ohra inqas skond il-Ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant.

Rat illi waqt il-kors tat-trattazzjoni fis-seduta tal-lum, Dr. Arthur Azzopardi, ghall-appellant, ivverbalizza li issa li kellu l-opportunita' li jezamina l-process faccata, faccata, hu sab li a fol. 167 hemm notament bil-lapes ma' genb il-kliem dattilografat "Xehed Noel Azzopardi", l-kliem "not on tape". Illi fil-fatt mill-ezami tal-process jidher li din ix-xhieda ma gietx traskritta. Irreleva wkoll li fis-sentenza appellata l-Ewwel Qorti m'ghamlet ebda referenza ghax-xhieda ta' Noel Azzopardi.

Rat ukoll il-verbal tal-prosekuzzjoni fejn Dr. Sant ivverbalizzat li kien hemm provi ohra li l-Ewwel Qorti setghet qaghdet fuqhom biex waslet ghad-decizzjoni taghha w mhux eskluz li l-Magistrat kien ghamel xi "judge's notes" ta' dan ix-xhud u ghalhekk in-nuqqas tat-traskrizzjoni m'ghandux ikollu ebda konsegwenza fuq is-sentenza.

Ikkonsidrat

Illi m'hemmx dubju illi t-traskrizzjoni tax-xhud Noel Azzopardi ma tinstabx fil-process u jidher li dan gie notat mill-Ewwel Qorti li, pprezubbilment, kienet hi stess li ghamlet in-notament bil-lapes fuq imsemmi.

Illi ghalkemm mhux eskluz li l-Ewwel Qorti setghet hadet xi "judge's notes" ta' din ix-xhieda, w li ghalhekk kellha fil-pussess taghha s-sustanza tal-istess xhieda, peress li ma saret ebda referenza ghal dan ix-xhud fis-sentenza appellata, din il-Qorti se tkun totalment priva mill-beneficcju li tkun taf x'kien fiha x-xhieda ta' Noel Azzopardi, almenu fis-sustanza taghha w ghalhekk mhux ser tkun f'posizzjoni li tirrevedi l-provi fl-interita' taghhom ghax parti mill-provi mhumiex ghad-disposizzjoni taghha.

Illi f’dan in-nuqqas, l-Qorti tirravviza difett serju procedurali li jimpediha f’dan l-istadju, kif del resto anki seta’ impedixxa lill-Ewwel Qorti, milli taghmel evalwazzjoni shiha w kompleta tal-fatti migjuba quddiem dik l-istess Qorti. Tali difett procedurali huwa serju bizzejjed biex iwassal ghan-nullita’ tal-proceduri quddiem l-Ewwel Qorti kif ukoll biex konsegwentement iwassal ghan-nullita’ tas-sentenza appellata.

Ghal dawn il-motivi, f’dan l-istadju, din il-Qorti qed tiddisponi mill-appell billi tannulla s-sentenza appellata minhabba d-difett procedurali fuq imsemmi w, tordna lir-Registratur jibghat l-atti lill-Ewwel Qorti biex terga’ tisma’ mill-gdid ix-xhieda tal-istess Noel Azzopardi liema xhieda ghandha tigi debitament traskritta qabel ma tinghata s-sentenza, w tiddiciedi l-kawza mill-gdid, wara li tisma’ lil dan ix-xhud, w konsegwentement l-appellant ghandu jerga’ jitpogga fl-istat li kien fis-seduta tat-12 ta’ Dicembru, 2008, qabel ma xehed l-istess Noel Azzopardi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------